**QORTI TA` L-APPELL KRIMINALI**
**(SEDE SUPERJURI)**

**Illum l-Erbgħa 4 ta' Diċembru 2024**

**S. T.O. Onor. Prim Imħallef Dr. Mark Chetcuti**
**Onor. Imħallef Dr. Edwina Grima**
**Onor. Imħallef Dr. Giovanni Grixti**

**Att tal-Akkuża Nru. 26/2023**

**Ir-Repubblika ta` Malta**

**vs**

**Joseph Azzopardi**

Il-Qorti,

**1.** Rat l-imputazzjonijiet miġjuba mill-Avukat Ġenerali fl-Att tal-Akkuża bin-numru 26 tal-2023 kontra Joseph Azzopardi detentur tal-karta tal-identita' numru 267970(M), akkużat talli:

**Fl-Ewwel Kap**: bejn Ottubru tas-sena elfejn u tmintax (2018) u Ġunju tas-sena elfejn u dsatax (2019) fil-Gżejjer Maltin, b'diversi atti magħmulin minnu, ukoll fi żminijiet differenti, iżda li jiksru l-istess disposizzjoni tal-liġi u li kienu magħmula b'riżoluzzjoni waħda, mingħajr kunsens, ikkommetta konġunġiment karnali jiġifieri penetrazzjoni vaġinali b'xi parti tal-ġisem tiegħu fuq il-ġisem ta' Maddison Kirkbride, b'dana li r-reat huwa wieħed aggravat stante li Maddison Kirkbride ġiet stuprata meta kienet minorenni..

**Fit-Tieni Kap**: bejn Ottubru tas-sena elfejn u tmintax (2018) u Ġunju tas-sena elfejn u dsatax (2019) fil-Gżejjer Maltin, b'diversi atti magħmulin minnu, ukoll fi żminijiet differenti, iżda li jiksru l-istess dispożizzjoni tal-liġi u li kienu magħmula b'riżoluzzjoni waħda, ikkorrompa lill-minuri Maddison Kirkbride, mwielda nhar il-ħmistax (15) ta' Lulju tas-sena elfejn u ħamsa (2005), li dak iż-żmien tar-reat kellha tlettax (13)-il sena, liema reat twettaq fil-perjodu li hi ġiet fdata temporanjament miegħu sabiex jieħu ħsiebha, jedukaha, jgħallima, jindukraha jew iżommha**.**

**Fit-Tielet Kap**: bejn Ottubru tas-sena elfejn u tmintax (2018) u Ġunju tas-sena elfejn u dsatax (2019) fil-Gżejjer Maltin, b'diversi atti magħmulin minnu, ukoll fi żminijiet differenti, iżda li jiksru l-istess dispożizzjoni tal-

liġi u li kienu magħmula b'riżoluzzjoni waħda, ipparteċipa f'attivitajiet sesswali ma' persuna taħt is-sittax (16)-il sena, u ċioe' mall-minuri Maddison Kirkbride mwielda nhar il-ħmistax (15) ta' Lulju tas-sena elfejn u ħamsa (2005), li dak iż-żmien tar-reat kellha tlettax (13)-il sena

**2.** Rat in-nota tal-eċċezzjonijiet u l-Lista tax-Xhieda tal-akkużat Joseph Azzopardi ppreżentata fl-20 ta' Ġunju 2023.

**3.** Rat is-sentenza tal-Qorti Kriminali tat-22 ta' Jannar 2024 fejn il-Qorti Kriminali ċaħdet it-tieni eċċezzjoni tal-akkużat Joseph Azzopardi immarkata bħala A2 u ordnat il-kontinwazzjoni tas-smigħ tal-eċċezzjonijiet l-oħra.

**4.** Rat is-sentenza tal-Qorti Kriminali tad-09 ta' April 2024 li permezz tagħha ċaħdet l-eċċezzjonijiet A1, A3, A4, B, C, D, E, F, G u H fit-totalita' tagħhom.

**5.** Rat ir-rikors tal-appell mressaq mill-akkużat Joseph Azzopardi mis-sentenza tal-Qorti Kriminali tad-09 ta' April 2024 fejn talab lil din il-Qorti tirriforma s-sentenza appellata fejn filwaqt illi tikkonfermaha f'dik il-parti fejn il-qorti ċaħdet l-eċċezzjonijiet A1, A2, A3, D, F G u H fit-totalita tagħhom, tirrevokaha fil-bqija u ċioe' fejn ċaħdet il-kumplament ta'l-eċċezzjonijiet enumerati A4, B, C u E u minflok tilqa' l-istess.

6. Rat ir-risposta ta'l-appell ippreżentata mill-Avukat Ġenerali fit-22 ta' Mejju 2024 fejn kienet tal-fehma illi l-aggravji kollha imqanqla mill-appellant għandhom jkunu miċħuda.

**7.** Rat l-atti u d-dokumenti kollha, inkluż l-atti tal-kumpilazzjoni.

**8.** Semgħet trattazzjoni

**Ikkunsidrat:**

**9**. Illi l-appellant ħassu aggravat unikament minn dik il-parti tas-sentenza appellata fejn l-Qorti Kriminali ċaħdet l-eċċezzjonijiet li kienu minnu indikati bl-ittri A4, B, C u E li, fl-essenza tagħhom, jikkonċernaw fl-ewwel lok il-mod kif ġiet imfassla l-Att tal-Akkuża u dan għaliex il-parti narrattiva tagħha, fil-fehma tiegħu, ġiet iddrammatiżżata iżżejjed mill-Avukat Ġenerali. Imbagħad, fit-tieni lok, jattakka l-atti kumpilatorji li, jikkontendi, huma nulli stante illi ma kienx hemm l-eżenzjoni meħtieġa fil-liġi meta inbidel il-ġudikant adit bis-smigħ ta'l-istess. Finalment iqanqal diversi lanjanzi diretti lejn dak li, fil-fehma tiegħu, jikkostitwixxi evidenza li hija inammissibbli.

**10**. L-appellant, fl-ewwel aggravvju minnu intentat, isib oġġezzjoni għal fatt illi l-Ewwel Qorti ċaħdet l-ewwel eċċezzjoni tiegħu, immarkata bħala A4, rigward id-diċitura adoperata mill-Avukat Ġenerali fil-parti narrattiva tal-Att ta' l-Akkuża, billi jisħaq illi din kienet waħda iddrammatiżżata intiża biss biex timpressjona lill-ġurati u tixħet dawl ikrah fuqu, b'dan għalhekk illi ser jinħoloq preġudizzju irrimedjabbli għalih. Jilmenta illi l-Avukat Ġenerali għażel li jħalli barra dawk l-fatti li ħarġu mill-atti kumpilatorji li jimmilitaw favur tiegħu, u semma biss dawk il-fatti li jixħtu dell ikrah fuqu biex b'hekk il-ġurati ser ikunu sajma minn informazzjoni fondamentali. Isemmi illi l-Avukat Ġenerali mkien ma indika illi il-minuri Madison Kirkbride kienet eżaminata medikament fejn ma kienu rriskontrati ebda ġrieħi la fuq ġisimha u lanqas fuq il-partijiet intimi tagħha u fejn kien stabbilit li din għadha verġni. Illi għalkemm jikkonċedi illi l-Kodiċi Kriminali, jagħti diskrezzjoni u poteri assoluti lill-Avukat Ġenerali fit-tfassil tal-Att tal-Akkuża, madanakollu jikkontendi li dan għandu jinbena minn dak li jemerġi mill-

kumpilazzjoni tal-provi. Illi, fil-fehma tal-appellant konsegwenza ta' dan in-nuqqas huwa jista' jsofri leżjoni tad-dritt tiegħu għal smigħ xieraq. U jitlob finalment li fl-eventwalita' li dan l-aggravju jkun miċħud il-Qorti xortawaħda tagħmel dawk il-korrezzjonijiet meħtieġa fl-Att ta'l-Akkuża sabiex jkun assigurat proċess ekwu u ġust.

**11**. Illi l-Qorti Kriminali, wara li għamlet referenza għal ġurisprudenza in materja iddeċidiet illi ġaladarba d-dettami tal-Artikolu 589 tal-Kodiċi Kriminali ġew osservati, l-ebda sfilz u/jew modifikazzjoni ma għandu jsir u għalhekk ċaħdet dan l-aggravju.

**12.** Illi din l-Qorti eżaminat l-atti proċesswali, b'mod speċjali l-atti tal-kumpilazzjoni u dan bil-għan illi tistħarreġ jekk l-ilment imqanqal mill-appellant jistħoqqlux akkoljiment. Illi jirriżulta li l-fatti narrati mill-Avukat Ġenerali fin-narrattiva tal-Att ta'l-Akkuża huma msejsa prinċipalment fuq dak li l-minuri Maddison Kirkbride xehdet waqt il-kumpilazzjoni[1] u għalhekk ma jirriżultax li hemm xi diċitura iddrammatiżżata ntiża sabiex jinħoloq sensazzjonaliżmu hekk kif allegat mill-appellant, kif ukoll ma jirriżultax li l-Avukat Ġenerali ħoloq xi storja li mhix sostanzjata mill-provi kkumpilati, jew li kien kappriċċuz fi kliemu, u żejjen il-fatti biex jimpressjona u jinfluwenza negattivament lill-ġurati. Eventwalment huma l-ġurati bħala mħallfin tal-fatt li jridu jiddeterminaw jekk dawk il-fatti jirriżultawx ippruvati mill-provi mressqa waqt iċ-ċelebrazzjoni tal-ġuri.

**13.** Illi l-appellant jilmenta wkoll li l-Avukat Ġenerali konvenjentement għażel li jħalli barra dawk id-dettalji li jimmilitaw favur tiegħu u ndika biss dawk id-dettalji li jixħtu minnufih dawl ikrah fuqu sabiex b'hekk, mill-istadji inizjali tal-

[1] Fol.41 et.seq.

ġuri, il-ġurati jingħataw impressjoni ħażina fuqu. Huwa jsostni li l-Avukat Ġenerali mkien ma jindika li l-minuri Maddison Kirkbride ġiet eżaminata mit-tobba li kkonfermaw li ma kellha l-ebda ġrieħi fuq ġisimha u lanqas fil-parti intima tagħha u li l-istess minuri kienet għadha verġni.

**14.** Illi jiġi rilevat li l-Att tal-Akkuża bħala att ġudizzjarju akkużatorju huwa dokument li minnu nnifsu jkun jikkontjeni fatti li ma jirriflettux pożittivament fuq il-persuna akkużata. Dan ma jwassalx għan-nullita' pprospettata mill-appellant. Dan l-att ġudizzjarju jservi sabiex l-akkużat permezz tal-fatti elaborati fil-parti narrattiva jkollu stampa ċara ta' kif l-Avukat Ġenerali qiegħed jinterpreta l-provi li nġabru waqt il-kumpilazzjoni li minnhom inbagħad jislet l-akkużi, u dan bil-għan illi l-akkużat ikun jista' jipprepara għad-difiża tiegħu. Fis-sentenza fl-ismijiet ***Ir-Repubblika ta' Malta vs. Stiano Agius et.*** mogħtija minn din il-Qorti diversament komposta nhar id-9 ta' Jannar 2014 ġie ritenut is-segwenti:

> **13. Skont l-artikolu 588 tal-Kodiċi Kriminali "l-att tal-akkuża għandu jiġi magħmul bil-miktub u għandu jiġi iffirmat mill-Avukat Ġenerali" u skont l-artikolu 589 tal-istess Kodiċi "L-att tal-akkuża jsir fl-isem tar-Repubblika ta' Malta". Għalhekk, meta fl-artikolu 589 tal-istess Kodiċi jingħad li l-att tal-akkuża għandu jfisser il-fatt li jikkostitwixxi r-reat u l-partikolaritajiet l-oħra msemmija fl-istess artikolu dan ma jistax ifisser ħlief li l-att tal-akkuza għandu jfisser il-fatt u partikolaritajiet l-oħra msemmija skont kif jifhimhom li ġraw l-Avukat Ġenerali f'isem ir-Repubblika ta' Malta. Il-provi in sostenn tal-fatt li jikkostitwixxi r-reat u tal-partikolaritajiet l-oħra skont l-att tal-akkuża, imbagħad, jinġiebu mill-Avukat Ġenerali fil-kors tal-proċess fl-istadju opportun.**

Dan ghaliex:

> **"'l-Avukat Generali jista' jibbaza l-att ta' l-akkuza fuq provi li ma ngibux fil-kumpilazzjoni. Dan ma jgibx ghan-nullita` ta' l-att ta' l-akkuza (jew kap ta' l-att ta' l-akkuza) stante ukoll dak li jipprovdi l-artikolu 435 tal-Kodici Kriminali. Fl-istadju ta' l-eccezzjonijiet preliminari l-Qorti Kriminali ma taghmilx apprezzament tal-provi kollha migjuba fil-kors tal-kumpilazzjoni biex tara jekk prova partikolari tirrizultax sodisfacentement jew le; din hija haga merament ta' prova messa ultimament f'idejn min irid jiddeciedi dwar il-provi.[2]"**

**15.** Illi għalhekk l-Att tal-Akkuża m'għandu l-ebda valur probatorju. Infatti l-parti narrattiva tal-Att tal-Akkuża bl-ebda mod ma tikkostitwixxi xi stat ta' fatt jew prova favur jew kontra l-akkużat u infatti l-ħtija *o meno* tal-akkużat tiġi determinata mill-ġurati bħala mħallfin tal-fatt fid-dawl tal-provi favur jew kontra l-akkużat li jinġiebu matul iċ-ċelebrazzjoni tal-ġuri, u mhux fid-dawl ta' dak kontenut fil-parti narrattiva tal-Att tal-Akkuża. *Di piu'* l-Avukat Ġenerali, ġeneralment waqt ir-Rekwiżitorja, jispjega lill-ġurati li l-parti narrattiva tal-Att tal-Akkuża ma torbotx u li ma tikkostitwixxi ebda prova fil-konfront tal-akkużat, u li l-verdett tagħhom irid ikun imsejjes biss fuq il-provi prodotti waqt iċ-ċelebrazzzjoni tal-ġuri. Fuq kollox huwa dmir ta'l-Imħallef togat waqt l-indirizz tiegħu lill-ġurati li jiggwidahom dwar kif għandhom jixtarru l-provi miġjuba quddiemhom waqt iċ-ċelebrazzjoni tal-ġuri, fejn ikun lilhom indikat illi n-narrattiva fl-Att ta'l-Akkuża ma għandha ebda valur probatorju. Jikkonsegwi għalhekk illi jekk l-Avukat Ġenerali, fil-parti narrattiva tal-Att tal-Akkuża, ma semmiex xi dettalji li jkunu favorevoli għall-akkużat, dan ċertament mhuwiex se jirrekka xi forma ta' preġudizzju għalih, u wisq anqas se jiġi ppreġudikat id-dritt tiegħu għal smigħ xieraq. Dan għaliex wara kollox waqt iċ-ċelebrazzjoni tal-ġuri l-

---

[2] App.Krim Sup – 13/05/1998 Ir-Repubblika ta' Malta vs Charles Steven Muscat

akkużat, tramite l-avukat difensur tiegħu, għandu l-jedd li jagħmel il-kontro-eżamijiet lix-xhieda mressqa mill-Avukat Ġenerali, kif ukoll jindika dawk il-fatti u jressaq dawk il-provi in sostenn tad-difiża tiegħu. B'dana għalhekk, illi l-akkużat se jkun f'posizzjoni li jindika dawk il-fatti li, fil-fehma tiegħu, jistgħu jimmillitaw favur tiegħu u jkollu l-opportunita' illi jipprova jxejjen il-provi mressqa mill-Avukat Ġenerali u dan minkejja illi l-Avukat Ġenerali seta' ma ndikax dawn il-fatti fl-Att ta' Akkuża.

**16.** Illi s-sentenza fl-ismijiet ***Ir-Repubblika ta' Malta vs. Tomislav Hegedus*** mogħtija minn din il-Qorti kif komposta nhar il-21 ta' Ġunju 2023 ġie ritenut:

> **12. L-appellant, fl-aggravju minnu ntentat, jaqbel illi l-valur probatorju ta' dan l-att ġudizzjarju huwa għal kollox ineżistenti u allura l-Qorti qajla tista' tifhem l-oġġezzjoni imressqa minnu, aktar u aktar għaliex kuntrarjament għal dak li jsostni dak li jiggwida lil ġurati mhuwiex dak narrat fl-Att ta'l-Akkuza, iżda l-indirizz tal-Imħallef li mill-ftuħ tiegħu minnufih jipprovdi lil ġurati dawk il-linji gwida inizjali dwar il-mod kif għandhom jimxu meta jiġu biex jiġġudikaw dwar il-fatti tal-każ, fatti li, kif kemm il-darba jkun imfisser lilhom, iridu jemerġu biss u unikament mill-provi li ser jinstemgħu matul iċ-ċelebrazzjoni ta'l-istess. <u>Illi allura bil-fatt illi l-Avukat Ġenerali seta' ma semmiex xi dettall li, fil-fehma tal-appellant, jista' jkun importanti ma jfissirx illi dan ser joħloq xi preġudizzju għalih, u dan meta ser ikun abbilment assistit mid-difensur tiegħu tul is-smigħ tal-ġuri fejn indubbjament ser jindika dawk il-fatti li jidhirlu jistgħu ixaqilbu il-miżien favur tiegħu, u li l-Avukat Ġenerali seta' ma indikahomx fl-Att ta' l-Akkuża, jew indikahom erronjament, biex b'hekk id-dritt tiegħu għal smigħ xieraq żgur li mhux ser jiġi kkalpestat.</u> (Sottolinear u enfasi)**

**17.** Illi lanqas ma tista' taqbel il-Qorti ma' l-ilment imressaq mill-appellant illi jispetta għal Qorti li trażżan id-diskrezzjoni ta'l-Avukat Ġenerali meta jkun qed iħejji in-narrattiva fl-akkuża, jew lil tordna xi korrezzjonijiet li jintromettu ruħhom f'din id-diskrezzjoni, u dan meta il-Leġislatur ma jagħtihiex din is-setgħa. Il-poter leġislattiv ta'l-Istat jibqa' dejjem f'idejn il-Parlament u s-setgħa tal-Ġudikant huwa li jinterpreta dik il-Liġi, iżda mhux li joħloq regoli ġodda li ma joħorġux mill-ispirtu tal-Liġi. Illi l-Liġi tobbliga lill-Avukat Ġenerali jippreżenta il-fatti u ċ-ċirkostanzi li fuqhom imbagħad jislet l-akkuża meta jiġi biex jixli lil persuna akkużata b'xi reat fil-parti akkużatorja u kwindi, għalkemm din il-parti fl-Att tal-Akkuża jista' jkun li hija superfluwa, madanakollu l-Avukat Ġenerali ma jistax jonqos milli jagħmel din l-espożizzjoni għaliex altrimenti dan iwassal għal non-konformita' mal-liġi li ġġib in-nullita'.

**18.** Għalhekk, magħdud dan kollu, ebda nullita' ma tista' tiġi riskontrata, kif ukoll ebda tħassir jew riforma tal-partijiet narrattivi tal-Att tal-Akkuża m'għandha ssir, u għalhekk dan l-aggravju qed ikun miċħud.

**19.** Illi fit-tieni aggravju minnu ventilat, l-appellant jilmenta li meta kienet qed tqis l-eċċezzjoni preliminari mmarkata bl-ittra 'B', il-Qorti Kriminali naqset milli tieħu in konsiderazzjoni il-fatt li, minkejja li kien hemm bdil fil-Maġistrat Istruttur li mexxa l-kumpilazzjoni, ma kienx hemm l-eżenzjoni la minn naħa tad-Difiża u lanqas minn naħa tal-Prosekuzzjoni għall-ħtieġa *o meno* li jerġgħu jittellgħu jixhdu x-xhieda li kienu diġa' xehdu preċedentement qabel ir-riassenzjazzjoni li seħħet nhar it-28 t'April 2021. L-appellant, in sostenn tal-argumentazzjoni tiegħu, jagħmel referenza għal dak li jipprovdi l-artikolu 428(3) tal-Kodiċi Kriminali u jsostni wkoll li dawn id-difetti proċedurali għandhom l-effett kumuluttiv li jirrendu l-proċeduri, minn meta l-kawża ġiet riassenjata, *ossia* minn nhar it-28 t'April 2021, nulli. Huwa jsostni wkoll li dan jammonta għal irregolarita' li ma

tistax tkun sanata issa f'dan l-istadju inoltrat tal-proċeduri billi l-imsemmi difett kellu jkun sanat matul il-kors tal-Istruttorja.

**20.** Illi l-Qorti Kriminali iddeċidiet hekk din l-eċċezzjoni, wara li ċċitat il-ġurisprudenza in materja:

> **Illi fil-każ odjern l-Qorti tal-Maġistrati, kienet qedgħa taġixxi bħala Qorti Istruttorja u għalhekk stante li l-Maġistrat/i sedenti ma jkunux ser jagħtu sentenza fuq ill-mertu, ma għandhomx għalxiex jismgħu x-xhieda kollha huma biex ikunu verament f'pożizzjoni li jagħtu ġudizzju skond il-liġi. Għaldaqstant din l-eċċezzjoni wkoll qegħda tiġi respinta fl-intier tagħha.**

**21.** Illi jiġi rilevat li mid-digriet t'assenjazzjoni li jinsab a fol. 345 tal-atti kumpilatorji jirriżulta li nhar it-28 t'April 2021 is-smigħ tal-kawża kien assenjat lill-Maġistrat Dr Claire Stafrace Zammit, wara li l-ġudikant preċedenti kienet elevata għal kariga ta' Imħallef fil-qrati superjuri. Mill-atti proċesswali jirriżulta wkoll li l-eżenzjoni tal-partijiet dwar ix-xhieda li xehdu preċedentement ir-riassenjazzjoni ma ġietx miksuba. Minkejja dan, l-appellant m'għandux raġun fl-argumentazzjoni tiegħu fir-rigward din l-eċċezzjoni. Illi ġaldarba r-reati addebitati lill-appellant iġorru piena li teċċedi t-tnax-il sena priġunerija, dan il-każ huwa prosegwibbli quddiem il-Qorti Kriminali bil-proċedura tal-ġuri, tant illi, fil-fatt, ma'l-egħluq tal-kumpilazzjoni l-Avukat Ġenerali ħareġ l-Att ta'l-Akkuża. Illi għalhekk, f'każ bħal dan, fejn l-akkużat ser jgħaddi ġuri, il-funzjoni tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti Istruttorja hija li tiġbor u tikkompila l-provi u mhux li tiddeċiedi l-każ fil-mertu. Eventwalment il-provi kkumpilati waqt il-kumpilazzjoni jerġgħu jiġu prodotti waqt iċ-ċelebrazzjoni tal-ġuri fejn huma l-ġurati, bħala mħallfin tal-fatt, li jiddeċiedu dwar il-ħtija *o meno* tal-akkużat. Għalhekk tonqos il-ħtieġa illi l-Maġistrat, li lilu tkun ġiet riassenjata l-kawża, jikseb l-eżenzjoni tal-partijiet dwar ix-xhieda li jkun xehdu preċedentement ir-riassenjazzjoni u dana għaliex mhuwiex huwa li se jiddeċiedi fuq il-mertu tal-każ,

iżda l-ġurati. Illi għalhekk l-eżenzjoni tal-partijiet mhijiex applikabbli għall-kuntest ta' dan il-każ u għalhekk ma kenitx meħtieġa li tinkiseb.

**22.** Illi *di piu'* huwa ormai prinċipju kristalizzat fil-ġurisprudenza illi in-nuqqas ta' tali eżenzjoni ma ġġib ebda nullita' għaliex għalkemm jkun hemm bidla fil-ġudikant sedenti il-każ, madanakollu l-Qorti adita bis-smigħ tal-każ tibqa' waħda u l-istess. Illi mbagħad lanqas huwa konduċenti għar-retta amministrazzjoni tal-ġustizzja illi l-appellant, konxju ta' dak li dehrlu li kien xi nuqqas fil-proċess penali, ma ġibidx l-attenzjoni tal-Qorti, ħalla kollox għaddej u ma rreġistra ebda oġġezzjoni illi l-każ ikun ippresjedut mill-ġudikant adita bis-smigħ wara ir-riassenjazzjoni, imbagħad jistenna sakemm l-Avukat Ġenerali iressaq l-Att ta'l-Akkuża sabiex iqanqal il-preġudizzjali dwar in-nullita' ta'l-atti kumpilatorji, meta jaf illi f'dan l-istadju ma hemm ebda rimedju mogħti fil-liġi. Finalment l-allegat difett lamentat fl-atti kumpilatorji ma huwiex wieħed minn dawk iċ-ċirkostanzi li jwassal għan-nullita' fl-Att ta'l-Akkuża li jżomm il-kawża milli timxi 'il quddiem, u dan skont kif jingħad fl-artikolu 597(4) tal-Kodiċi Kriminali[3].

**23**. Illi l-Qorti tiġbed l-attenzjoni tal-appellant għal fatt illi għalkemm fir-rikors tal-appell jinvoka l-applikazzjoni ta'l-artikolu 428(3) tal-Kodiċi Kriminali sabiex isaħħaħ l-argument tiegħu, madanakollu dan l-artikolu ma japplikax la fil-proċeduri quddiem il-Qorti Kriminali, u wisq anqas quddiem din il-Qorti tal-Appell Kriminali (Sede Superjuri). Infatti dan l-artikolu jinsab fit-Tieni Ktieb, Taqsima I, Titolu II, Sub-titolu III intitolat 'Fuq l-Appelli mis-Sentenzi tal-Qorti tal-Maġistrati bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali' u fil-Kodiċi Kriminali m'hemm

---

[3] L-att tal-akkuża ma jistax jiġi attakkat minħabba difetti fl-atti tal-kompilazzjoni, u l-akkużat lanqas ma jista' jitlob li,minħabba xi wieħed minn dawk id-difetti, il-kawża ma tgħaddix 'ilquddiem fuq dak l-istess att ta' akkuża, ħlief jekk dak id-difett ikun jikkonsisti fin-nuqqas għal kollox tal-qari tal-akkużi jew tal-eżami tal-imputat jew tad-deċiżjoni li tiddikjara li l-imputat għandu jitqiegħed taħt att ta' akkuża, inkella fir-rifjut tal-qorti istruttorja, mingħajr raġuni tajba, li tisma' l-provi miġjubin mill-imputat; bla ħsara dejjem tal-jedd tal-akkużat u tal-Avukat Ġenerali li jopponi li jinġieb fil-kawża xi att li ma jkunx magħmul skont il-liġi, u li jkun irid jinġieb sabiex bih issir xi prova

ebda disposizzjoni analoga applikabbli għall-Qorti Kriminali u għall-Qorti tal-Appell Kriminali (Sede Superjuri).

**24.** Għalhekk, magħdud dan kollu, ebda nullita' fl-atti proċesswali minn nhar it-28 t'April 2021 'l quddiem ma tista' tiġi riskontrata. U dan l-aggravju ukoll qed ikun miċħud.

**25**. Illi l-appellant permezz tat-tielet aggravju jilmenta li d-depożizzjoni tax-xhieda ndikati fl-eċċezzjonijiet preliminari mmarkati bħala 'C1', 'C2', 'C3', 'C4', 'C5', 'C7', 'C8', u 'C9' tammonta għal xiehda fuq kliem ħaddieħor (*hearsay evidence)* u għalhekk hija inammissibbli. Illi jibda biex jingħad illi minkejja li l-appellant iressaq dan l-aggravju, huwa naqas milli jindika liema partijiet mix-xhieda ta' Elle Coupe, Kelly Kirkbride, Marie Bajada, Lara Bonnici u WPC Claire Casha huwa jqishom bħala *hearsay evidence,* u għalhekk, fil-fehma tiegħu, inammissibbli.

**26**. Illi l-Qorti Kriminali qalet hekk dwar din l-eċċezzjoni:

> **Minn dan it-tagħlim ġurisprudenzjali jirriżulta illi sta għall-Imħallef togat waqt il-ġuri sabiex jara illi ma jsirx abbuż u billi jikkontrolla x-xhieda u jispjega lill-ġurati rigward ir-regoli tal-hearsay evidence. Magħdud dan allura din il-Qorti ma tistax taqbel ma 'leċċezzjoni sollevata mill-akkużat illi a priori, x-xhieda minnu ndikati huma inammissibbli. Illi fuq kollox għalkemm l-akkużat jilmenta illi x- xhieda minnu ndikati jikostitwixxu hearsay evidence, hu ma jindikax liema parti tax-xhieda huwa qiegħed isib oġġezzjoni għaliha u din il-Qorti ma tistax ċertament f'dan l-istadju teżamina l-atti bilgħan illi tagħmel apprezzament ta' dak li jingħad billi dan il-kompitu għadu jitħalla f'idejn il-ġurija popolari dejjem bis-salvagwardja illi kif ingħad jinagħtaw direzzjoni mill-Imħallef togat dwar l-ammissibbilita o meno ta' xi partijiet mix- xhieda**

**27.** Illi d-disposizzjonijiet tal-liġi li jirregolaw il-*hearsay evidence,* u ċioe', l-artikoli 598 u 599 tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta reżi applikabbli għall-Kodiċi Kriminali permezz tal-artikolu 520(1)(d) u 645, jqisu din l-evidenza nieqsa minn valur probatorju dwar il-fatti li x-xhud igħid li sema' minn għand ħaddieħor u dan meta hemm stipulat illi *"bħala regola, il-qorti ma tiħux qies* ***ta' <u>xiehda dwar fatti</u>*** *li x-xhud igħid li ġie jafhom mingħand ħaddieħor jew <u>li qalhom ħaddieħor li jista' jinġieb biex jagħti xiehda fuq dawk il-fatti.</u>"* Illi imbagħad l-artikolu 599 jippermetti lill-Qorti tieħu kont ta' din l-evidenza meta l-kliem li jingħad *"ikollu, fih innifsu, importanza sostanzjali, fuq il-meritu tal-kawża jew ikun jagħmel parti mill-meritu; inkella meta dan ħaddieħor ma jkunx jista' jinġieb biex jixhed, u l-fatti jkunu tali li ma jkunux jistgħu jiġu ppruvati sewwa xort'oħra."* Bil-liġi tindika dawk il-każijiet *"ta' twelid, ta' żwieġ, ta' mewt, ta' assenza, ta' servitù, ta' rjieħ ta' immobbli, ta' pussess, ta' drawwiet, ta' ġrajjiet storiċi pubbliċi, ta' reputazzjoni jew ta' fama, ta' kliem jew fatti ta' nies li mietu jew li jkunu assenti u li ma kellhom ebda interess li jgħidu jew jiktbu l-falz, u ta' fatti oħra ta' interess ġenerali jew pubbliku jew li jkunu magħrufa minn kulħadd."*

**28.** Illi magħdud dan, mhux kull relazzjoni ta' x'qal ħaddiehor tikkostitwixxi *hearsay evidence,* iżda jekk dak rapportat hux *hearsay evidence* jew le jiddependi mill-użu li wieħed jippretendi li jsir minn dak rakkontat. Dak rakkontat jista' jikkostitwixxi prova li dak id-diskors verament intqal lix-xhud mit-terz, iżda dak id-diskors bl-ebda mod ma jammonta bħala prova tal-kontenut jew tal-veraċita' tal-fatt mistqarr mit-terz. Dan jista' jittieħed bħala prova korroborattiva f'każ lit-terz jixhed dwar dak il-fatt.

**29.** Illi waqt iċ-ċelebrazzjoni tal-ġuri x-xhieda jixhdu *viva voce,* u għalhekk tul il-kors tad-deposizzjoni tax-xhieda indikati mill-appellant, u ċioe' ta' Elle Coupe, Kelly Kirkbride, Marie Bajada, Lara Bonnici u WPC Claire Casha, fl-eventwalita li l-prosekuzzjoni tipproduċiehom bħala xhieda, jkun fid-dmir ta'l-Imħallef togat sabiex waqt il-ġuri jikkontrolla x-xhieda u jispjega lill-ġurati r-regoli tal-*hearsay.* Dan wara li jkun determinat il-kontenut ta' din l-evidenza u jekk l-istess hijiex

ikkorroborata minn fatti ppruvati permezz ta' evidenza oħra. Huwa biss wara li jixhdu dawn ix-xhieda illi l-ġurati jridu jixtarru din l-evidenza, fejn l-Imħallef togat jagħti d-direzzjonijiet opportuni lill-ġurati dwar il-provi ammissibli u x'inhu l-valur li jrid jingħata lix-xhieda tagħhom. Jikkonsegwi għalhekk illi huwa prematur li f'dan l-istadju tal-proċeduri jiġi ddikjarat li x-xhieda ta' Elle Coupe, Kelly Kirkbride, Marie Bajada, Lara Bonnici u WPC Claire Casha hija inammissibli u għandha tiġi eskluża *a priori,* kif qed jippretendi l-appellant, u dan meta huma jitkellmu dwar dak rakkontat lilhom mill-minuri.

**30**. Illi di piu' l-appellant jsostni li ġaladarba l-allegata vittma, u ċioe' il-minuri ser tixhed waqt iċ-ċelebrazzjoni tal-ġuri, allura ma hemmx il-ħtieġa li jittellgħu jixhdu dawn ix-xhieda. Illi apparti l-fatt illi, kif ingħad il-kontenut tad-deposizzjoni ta' dawn ix-xhieda tista' titqies bħala prova korroborattiva ta' dak mistqarr mill-vittma fix-xiehda tagħha, hija fid-diskrezzjoni tal-Prosekuzzjoni illi tressaq dawk ix-xhieda li jidhriliha li jistgħu isaħħu il-każ tagħha u ma tistax din il-Qorti *a priori* tirregola l-produzzjoni ta' l-evidenza ta' xi parti fil-kawża diment li ma jkunx hemm xi regola tal-proċedura li teskludi l-ammissibbilita' ta'l-istess. Illi fuq kollox, kuntrarjament għal dak li jikkontendi l-appellant, id-deposizzjoni tan-nies li lilhom l-allegata vittma irrakontat l-verżjoni tal-fatti tista' tiswa sabiex jkun issindikat l-attendibbilita' o meno tax-xiehda tal-allegata vittma waqt il-ġuri u dan billi titqies il-konsistenza fil-verżjonijiet diversi minnha mogħtija lil dawn in-nies, meta mqabbel ma' dak li tixhed fil-qorti.

**31**. Illi *di piu'* f'każ li javveraw iċ-ċirkostanzi ravviżati fl-artikolu 646(2) tal-Kodiċi Kriminali fejn sussegwentement bil-permess tal-Qorti Kriminali x-xhieda mogħtija waqt l-Istruttorja tiġi moqrija u kopja tagħha mgħoddija lill-ġurati, jew f'każ li x-xhieda mogħtija waqt l-Istruttorja tkun tinħtieġ li tinġieb a konjizzjoni tal-ġurati ai fini ta' kontroll, l-Imħallef togat jagħti d-direzzjonijiet opportuni lill-ġurati dwar il-provi ammissibli u x'valur jrid jingħata lil dik l-evidenza, kif ingħad. Kwindi anke dan l-aggravju huwa miċħud.

**32**. Illi l-appellant permezz tal-eċċezzjoni preliminari mmarkata bħala 'C7' jilmenta li d-dokumenti relattivi għax-xhieda tax-xhud Marie Bajada liema dokumenti jinsabu a fol. 14, 15 u 16 tal-atti proċesswali jammontaw għal *documentary hearsay evidence,* liema eċċezzjoni kienet miċħuda mill-Qorti Kriminali. Illi jiġi rilevat li waqt il-kumpilazzjoni Marie Bajada xehdet (fol. 236) li d-dokument li jinsab a fol. 14, 15, u 16 tal-atti proċesswali jikkonsisti f'rapport li ħejjiet hija stess sabiex tgħaddieh lill-pulizija tat-Taqsima ta' kontra il-Vizzji, liema rapport jirrifletti fuq kollox ix-xiehda mogħtija minnha fil-kors tal-kumpilazzjoni. Fuq kollox f'dan ir-rapport tindika dawk il-brani fejn dehrilha li l-minuri kienet inkonsistenti f'dak li kienet qed tgħidilha, għalkemm mhux fir-rigward tal-allegat abbuż. Illi a skans ta' ripetizzjoni issir referenza għal dak li għadu kif ingħad iktar 'il fuq għar-rigward l-aggravju marbut ma' 'l hekk imsejjaħ *hearsay evidence,* liema prinċipju regolatur huwa applikabbli wkoll għal dan l-aggravju.

**33**. Illi l-appellant, permezz tal-eċċezzjoni preliminari mmarkata bħala 'C6', jilmenta illi x-xhieda Marie Bajada u Lara Bonnici, m'għandhomx kwalifiċi suffiċjenti sabiex jitqiesu esperti in materja ta' psikoloġija u psikjatrija, ma kenux maħtura bħala esperti mill-Qorti jew f'Inkjesta Maġisterjali, u għalhekk ma jikkwalifikawx sabiex jagħtu l-opinjonijiet tagħhom fuq materja li mhumiex esperti fiha. Illi jiġi rilevat li minkejja li l-appellant iressaq dan l-aggravju huwa naqas milli jindika f'liema parti tax-xhieda tagħhom Marie Bajada (fol. 230 *et.seq.* tal-atti proċesswali) u Lara Bonnici (fol. 244 *et.seq.* tal-atti proċesswali) setgħu offrew xi opinjoni esperta.

**34.** Il-Qorti Kriminali ddeċidiet hekk dwar din l-oġġezzjoni tal-appellant għal produzzjoni ta' dawn ix-xhieda:

> **Madankollu, dan anke jekk hu l-każ, bl-ebda mod ma jfisser illi x-xhieda tagħhom hija inammissibli iżda għandha titqies bħala xhieda mogħtija minn xhud ordinarju u dak kollu li setgħu jikkonstataw huma fattwalment, jista' jinġieb u jintuża bħala prova**

**35**. Illi fl-istadju taċ-ċelebrazzjoni tal-ġuri huwa l-Imħallef togat illi għandu jirregola l-proċess ġudizzjarju u t-tmexxija tiegħu b'dan għalhekk illi huwa ndubitat li l-ebda xhud ordinarju ma għandu jitħalla jesprimi xi opinjoni fil-kors tal-ġuri, għalkemm jista' jixhed dwar il-fatti minnu riskontrati. Infatti fis-sentenza fl-ismijiet ***Il-Pulizija vs. Renard Cassar*** mogħtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar l-24 ta' Settembru 2009 ġie ritenut is-segwenti:

> **Issa hija prattika sancita mill-ligi li xhieda ordinarji w cioe' mhux persuni li jigu mahtura bhala esperti mill-Qorti, ma jistghux jaghtu jew jesprimu opinjoni imma jistghu jiddeponu biss fuq dak li huma jikkonstataw bis-sensi taghhom. Meta tkun mehtiega xi hila jew sengha specjali biex jigi ezaminat xi oggett, ghandha tigi ordnata perizja, (art. 650 (1) tal-Kap.9). Il-periti skond il-Kodici Kriminali ma jistghux ikunu esperti ex parte imma jridu jkunu gew maghzulin mill-Qorti (art. 650 (1) tal-Kap.9) jew mill-Magistrat Inkwirenti li jkun qed jikkonduci l-in genere (art. 548 u 549 tal-Kap.9).**

**36.** Dan magħdud, allura, ebda xhud ordinarju ma jista' jagħti xi fehma jew opinjoni derivanti mill-ħila speċjali tiegħu/tagħha. Jingħad biss illi minn eżami tal-kontenut tax-xiehda ta' Marie Bajada, li hija *forensic pysychologist,* u ta' Lara Bonnici, assistenta soċjali fi ħdan l-Aġenzija Appoġġ, ma jirriżultax illi fid-deposizzjoni tagħhom huma esprimew xi opinjoni. Bajada, minn naħa tagħha, titkellem dwar dak lilha rakkontat mill-minuri u fatti oħra riskontrati minnha, tant illi meta waslitilha din l-informazzjoni hija rrappurtat il-każ lill-pulizija, filwaqt li Bonnici kienet preżenti mal-minuri meta din kienet mitkellma mill-pulizija u tirrakkonta fix-xiehda tagħha dak li semgħet il-minuri tgħid lill-pulizija. Dan l-aggravju għalhekk ukoll qed ikun miċħud, b'dan illi waqt id-deposizzjoni ta'

dawn ix-xhieda l-Imħallef togat għandu jara illi huma ma jesprimu ebda opinjoni dwar il-fatti minnhom magħrufa.

**37.** Illi l-appellant permezz tar-raba' u l-aħħar aggravju minnu ntentat jagħmel referenza għall-eċċezzjoni preliminari mmarkata bl-ittra 'E' fejn permezz tagħha huwa jeċċepixxi n-nullita' tal-Kapi tal-Att tal-Akkuża, kif ukoll jikkontendi illi l-atti kumpilatorji huma difettużi u monki għar-raġuni li ma ġietx imnehdija Inkjesta Maġisterjali wara li sar ir-rapport lill-pulizija, u dan minkejja n-natura serja tal-każ d*e quo.* Jilmenta li minħabba f'dan in-nuqqas, l-evidenza ma kenitx ippreservata fosthom billi jkun nominat espert sabiex jagħti il-fehma tiegħu dwar il-veradiċita' ta' dak allegat mill-minuri.

**38.** Il-Qorti Kriminali ċaħdet din l-eċċezzjoni meta ddeċidiet illi:

> **Din il-Qorti ma taqbilx, u dan stante l-fatt illi l-ġuri għad irid jiġi ċċelebrat, u abbażi tal-provi prodotti fl-istess ġuri jiġi deċiż mill-ġurija popolari jekk il-prosekuzzjoni jkunx irnexxilha tipprova l-każ tagħha 'l hinn minn kull dubju dettat mir-raġuni. Dan isir wara l-Imħallef togat jindirizza lill-ġurati dwar il-punti tal-liġi li jridu jżommu f'moħħom meta jiġu biex jiddeċiedu. Sussegwentament, il-ġurati, bħala mħallfin talfatt, jiddeċiedu permezz ta' verdett finali. Għaldaqstant, mhux kompitu ta' din il-Qorti speċjalment f'dan l-istadju li tiddeċiedi jekk il-prosekuzzjoni rnexxilhomx jippruvaw il-każ tagħhom, minkejja in-nuqqas t'inkjesta maġisterjali. Li hu żgur pero' li l-Kapi tal-Akkuża mhux nulli u l-anqas l-atti tal-kumpilazzjoni m'huma monki għaliex ma saritx inkjesta maġisterjali**

**39**. Illi jibda biex jingħad illi l-appellant jonqos milli jindika l-artikolu tal-liġi li fuqha huwa qiegħed isejjes n-nullita' lamentata ta'l-Kapi tal-Att tal-Akkuża u l-allegat difett fl-atti kumpilatorji għar-raġuni li ma sarx stħarriġ dwar l-*in genere.*

Illi wkoll minkejja li, fir-rikors tal-appell, isostni li l-Prosekuzzjoni naqset milli tippreserva dik l-evidenza kollha sabiex jiġu ppruvati *o meno* l-allegazzjonijiet tal-allegata vittma huwa jonqos milli jsemmi liema evidenza, fil-fehma tiegħu, kellha tiġi ppreservata permezz ta' tnehdija ta' Inkjesta Maġisterjali.

**40.** Illi jiġi rilevat li l-fatt li ma tkunx saret Inkjesta Maġisterjali bl-ebda mod ma jwasal għan-nullita' tal-Kapi tal-Att tal-Akkuża jew ta'l-atti kumpilatorji u dan għaliex il-liġi stess tiddisponi dawk iċ-ċirkostanzi meta tkun riskontrata tali nullita', liema ċirkostanzi ma jinkludux dik indikata mill-appellant. Tant hu hekk illi l-*proviso* għall-artikolu 546 tal-Kodiċi Kriminali stess jippreklu di din in-nullita' lamentata meta jingħad:

> **Iżda fejn jirriżulta li l-fatt li dwaru ma tkunx saret investigazzjoni taħt dan is-subartikolu kien jikkostitwixxi reat li għalih kienet tingħata l-piena msemmija f'dan is-subartikolu, n-nuqqas li tinżamm investigazzjoni taħt dan is-subartikolu m'għandux, għal dik ir-raġuni biss, jippreġudika b'kull mod li jkun li jinbdew jew jitkomplew proċedimenti kriminali għal dak ir-reat jew l-ammissibilità ta' kull prova dwar dak ir-reat f'dawk il-procedimenti.**

**41**. Fuq kollox jekk xi prova naqqset milli tkun ippreservata fil-kors tal-investigazzjoni, dan in-nuqqas ser jimmilita kontra l-Prosekuzzjoni u mhux kontra d-difiża, li minn naħa tagħha kellha il-jedd mogħti lilha bil-liġi sabiex matul l-Istruttorja titlob illi xi evidenza li xtaqet li tkun miġbura titressaq, jew li jitlob il-ħatra ta' xi espert, u dan bis-saħħa ta' dak li jiddisponi l-artikolu 405(5) tal-Kodiċi Kriminali, ħaġa li l-appellant naqas milli jagħmel. Għal dawn il-motivi anke dan l-aggravju, li *del resto* jirrażenta il-fieragħ, ma jistħoqqlu akkoljiment u qed ikun miċħud.

**Għal dawn il-motivi l-Qorti taqta' u tiddeċiedi billi tiċħad l-appell interpost u tikkonferma s-sentenza appellata.**

**Tibgħat l-atti lura lill-Qorti Kriminali għal prosegwiment tal-każ skond il-liġi.**

**S.T.O. Prim Imħallef Mark Chetcuti**

**Onor. Imħallef Edwina Grima**

**Onor. Imħallef Giovanni Grixti**